KULLEĠĠ SAN NIKOLA

L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU

Frar 2018

| IL-ĦAMES SENA | RELIĠJON | IL-ĦIN: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

L-isem u l-kunjom: ________________________ Il-Klassi: ________

Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet.

Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.

Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.

Għall-użu tal-għalliema

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima Ċ | Taqsima D | Taqsima E | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 17 | 20 | 21 | 20 | 22 | 100 |
| | | | | | |

## TAQSIMA A : ALLA JAGĦTINA T-TALENTI (17-il marka)

**A. Agħmel sinjal taħt il-kelma t-tajba. L-ewwel waħda hija lesta.**

*(4 marki)*

1. It-talenti huma kwalitajiet sbieħ li kull persuna għandha u li bihom (***tikber***, tiġġieled, tissuppervja) mal-oħrajn.
2. Alla żejjen lil kull bniedem (bid-deheb, bit-talenti, bil-fjuri) u dawn jagħmluna uniċi.
3. Jekk aħna nkunu bil-għaqal, għandna (naħarbu, nsellfu, naħdmu) biex niskopru u niżviluppaw dawn it-talenti.
4. Min ma jiżviluppax it-talenti tiegħu, ikun qed (jonqos li jagħmel tajjeb, jiġġieled, jaqbeż lill-oħrajn).
5. Meta t-talenti (nużawhom, ma nużawhomx, niżviluppawhom) sew, issir ħsara lill-persuni ta' madwarna.

**B. Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** *(5 marki)*



| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Samwel trabba | | persuni ta' fidi kbira. |
| 2. | Abram u Sara kienu | | ta' kuraġġ kbir, kapaċi jbati u jibqa' għaddej. |
| 3. | Rut kienet | | fit-tempju għax ommu offrietu lill-Mulej. |
| 4. | Mosè kien persuna | | li kulħadd ikollu drittijiet indaqs. |
| 5. | Martin Luther King kellu xewqa | | mara responsabbli, bieżla u bil-għaqal. |

**Ċ.** Matul iż-żmien, Alla nqeda b'nies speċjali u kbar biex iwasslilna messaġġi sbieħ. Kompli dawn is-sentenzi. *(8 marki)*

1. Meta Samwel sema' leħen Alla, Samwel ______________________________

______________________________________________________________

2. Meta Alla talab lil Abram biex jitlaq minn artu, Abram ________________

______________________________________________________________

3. Meta Alla talab lil Mosè biex jitlaq mal-Lhud mill-Eġittu, Mosè

______________________________________________________________

4. Għalhekk, jien irrid nifhem li ________________________________________

______________________________________________________________

## TAQSIMA B: ALLA JAĦDEM FL-ISTORJA T'ARTNA (20 marka)

**A. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi.** *(5 marki)*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| bniet | Eżekjel | tjubija | salmi | eroj |

1. Dun Mikiel Xerri kien ___________________ Malti.
2. Ġannina Cutajar waqqfet is-sezzjoni tal-__________________ tal-Mużew.
3. Alla wassal il-messaġġ tiegħu lill-poplu Lhudi permezz tal-profeta ___________________.
4. David kiteb ħafna poeżiji msejħin ___________________.
5. Il-Papa Ġwanni XXIII huwa magħruf ukoll bħala l-Papa tat-__________________.



B. **Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** *(5 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Dun Ġorġ Preca ħajjar | | wied mimli għadam. |
| 2. | Lil Eżekjel Alla wrieh | | tifħir, ringrazzjament, maħfra, adorazzjoni u għajnuna. |
| 3. | David kiteb salmi ta' | | lil Ġannina Cutajar tgħallem il-katekiżmu lill-bniet. |
| 4. | Il-Papa Ġwanni XXIII | | kien determinat li jagħmel dak li ried il-Missier. |
| 5. | Ġesù meta kien fid-dinja | | kien Taljan. |

Ċ. **Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** *(5 marki)*

1. Dun Mikiel Xerri jissejjaħ patrijott għax
a) kien patri.
b) miet għal art twelidu.
ċ) kien jitlob ħafna.

2. Il-wied mimli għadam li Alla wera lill-profeta kien jirrappreżenta
a) lil-Lhud fid-dnub.
b) lin-nies li mietu fil-gwerra.
ċ) lill-annimali li mietu bil-ġuħ.



3. Bħala żagħżugħ David kien
a) itellaq biż-żwiemel.
b) jirgħa n-nagħaġ.
ċ) jieħu ħsieb il-ħut.

4. Il-Papa Ġwanni XXIII kien spiss iżur
a) it-tfal.
b) il-bdiewa.
ċ) il-ħabsin.

5. Ma kinitx faċli għal Ġannina Cutajar li tgħallem il-katekiżmu dak iż-żmien għax

a) ma kellhiex fejn tgħallem.

b) kienet mara.

ċ) ma kellhomx kotba.

**D. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.** *(5 marki)*

Marija kienet miftiehma li tmur għand il-ħabiba tagħha, Sara iżda meta wasal il-ħin biex tmur, il-papà ta' Marija ma ħallihiex għax kellu laqgħa u ma setax iwassalha. Wara ftit il-papà talab lil Marija biex tmur iġġiblu xi karti mill-kamra tiegħu iżda Marija kienet irrabjata u qaltlu 'le'. Imbagħad, Marija ndunat li kienet żbaljat.

1. Kif taħseb li ħassitha Marija meta l-papà qalilha biex ma tmurx għand Sara?

   ______________________________________________

2. X'kellha tagħmel Marija meta l-papà ma ħallilhiex tmur?

   ______________________________________________

3. X'kellha tagħmel Marija meta ndunat bl-iżball tagħha?

   ______________________________________________

4. Għalhekk, jien irrid nifhem li ______________________

   ______________________________________________

## TAQSIMA Ċ: NIEĦDU ĦSIEB XULXIN (21 marka)

### A. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. *(8 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| jaħfer | mill-frott | Ġesù | ifejjaq |
| bniedem | tagħrfuhom | Alla | jagħmel |

Siġra tajba tingħaraf ________________ tagħha u siġra ħażina tingħaraf mill- frott ħażin. ________________ kien l-aqwa għalliem għax ħadd daqsu ma għex u għamel ir-rieda ta' ________________. Ħajtu kienet imħabba kontinwa, jgħallem, ________________, iwissi, ______________ u jgħin b'kull mod. Ġesù qalilna, "Mill-frott tagħhom intom ________________." Dan ried ifisser li minn dak li wieħed ________________, juri x'tip ta' ________________ hu.

### B. Aqra, Aħseb u Wieġeb. *(6 marki)*



Ġesù kien persuna li dejjem għen, irrispetta u ta lil kull persuna dak li hu tagħha. Mela bħal Ġesù, aħna rridu nuru rispett lejn kull persuna, speċjalment lejn dawk li huma qrib tagħna anke jekk ma jogħġobniex il-karattru tagħhom.

1. Aħseb f'dawn il-persuni u ikteb kif inti turihom rispett:

   a) Il-ġenituri/Dawk li jieħdu ħsiebkom id-dar

   ________________________________________________

   b) Il-ħbieb

   ________________________________________________

   ċ) L-għalliema

   ________________________________________________

**Ċ. Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** *(7 marki)*



| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| *1.* | *Xmun Pietru qal lil Ġesù li kienu* | | xi drabi trid tmur kontra dak li tixtieq tagħmel int. |
| 2. | Ġesù ammira | | dwar id-dmirijiet li għandna lejn l-awtorità. |
| 3. | L-istorja taċ-Ċenturjun tgħallimna li | | l-fidi li kellu ċ-Ċenturjun. |
| 4. | Li nobdu mhux dejjem faċli għax | *1* | *ilhom lejl sħiħ jitħabtu u ma qabdux ħut.* |
| 5. | Fl-istorja tal-munita ta' Ċesri nifhmu | | huwa obda lil Ġesù meta qallu biex jerġa' jitfa' x-xbieki. |
| 6. | Għalkemm Pietru kien jifhem fil-ħut | | meta nisimgħu sew u nneħħu l-preġudizzji, aħna nkunu kapaċi ngħixu aħjar fl-imħabba u l-fidi. |
| 7. | L-istorja tal-munita ta' Ċesari tgħallimna | | nikbru bil-għaqal u turina t-triq għal għand Ġesù. |
| 8. | L-ubbidjenza tgħinna | | li rridu nagħtu lil kulħadd dak li hu tiegħu. |

## TAQSIMA D: JITWIELED GĦALINA (20 marka)

**A. Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba.** *(5 marki)*

1. Il-Milied iġib miegħu (ferħ, gwerra, sħana).
2. Il-veru Milied ifisser (paċi u għaqda, ġlied u argumenti, għajjat u storbju).
3. Fil-Milied niċċelebraw (il-mewt, it-twelid, il-ħajja) ta' Ġesù Bambin.
4. Importanti li niftakru li Ġesù twieled (għat-tfal biss, għal kulħadd, għas-sinjuri).
5. Ġesù ġie fid-dinja biex jgħaqqadna bħala (familja waħda, skola waħda, dar waħda).



**B. Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** *(5 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | L-Anġlu t'Alla | | niftakru fit-twelid ta' Ġesù Bambin. |
| 2. | Ġesù Bambin twieled | | dejjem qalet 'iva' għal dak li ried Alla minnha. |
| 3. | San Ġużepp | | ġewwa grotta biex isalvana. |
| 4. | Il-Madonna | | ħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla. |
| 5. | Meta narmaw il-presepju | | kien ma' Marija ġewwa Betlem meta twieled Ġesù. |

**Ċ. Imla l-vojt billi tkompli l-kelma.** *(4 marki)*



1. Fil-Milied tal-1914 is-suldati Ingliżi u Ġermaniżi ddeċidew li jieqfu mill-__________________.
2. Ir-__________________ marru jaduraw lil Ġesù ġewwa l-għar.
3. Malli waslu fl-għar ħdejn Ġesù huma niżlu __________________ biex jadurawh.
4. Ġesù għażilhom biex ikunu l-ewwel li jarawh għax kienu nies __________________.

**D. Wieġeb fil-qosor.** *(6 marki)*

1. Il-Milied hija l-festa tal-Bambin. Għaliex?

_______________________________________________

2. Il-gwerer iġibu swied il-qalb. Għaliex?

_______________________________________________

3. Kif tista' turi paċi mal-oħrajn? Agħti żewġ eżempji.

a. _______________________________________________

b. _______________________________________________

## TAQSIMA E: IL-ĦBIEB TAGĦNA (22 marka)

**A. Wieġeb fil-qosor.**

1. Bħala Nsara kif nistgħu nkunu ħbieb ta' vera? *(3 marki)*




2. Agħti eżempju ta' kif turi **gratitudni** lejn ħaddieħor. *(2 marki)*

_______________________________________________

_______________________________________________

3. X'nitgħallmu mill-parabbola tas-seftur li ma riedx jaħfer? *(2 marki)*

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Ġesù jgħidilna li biex nidħlu fis-Saltna t'Alla hemm bżonn li **qalbna tkun bħal tat-tfal**. Agħti żewġ eżempji. *(4 marki)*

a. _______________________________________________

_______________________________________________

b. _______________________________________________

_______________________________________________

**B. Poġġi l-parabbola tal-għaxar lebbrużi fl-ordni t-tajba.** *(5 marki)*

| | |
|---|---|
| | Kif kien dieħel fir-raħal, Ġesù ltaqa' m'għaxart irġiel imġiddma. |
| | Kif rahom, qalilhom, "Morru uru rwieħkom lill-qassisin." U ġara li, huma u sejrin, indafu mill-ġdim. |
| | U Ġesù qabad u qal, "Mhux l-għaxra tnaddfu mill-ġdim? Fejn huma d-disgħa l-oħra? |
| ***1*** | ***Waqt li kien sejjer Ġerusalemm, Ġesù għadda minn bejn is-Samarija u l-Galilija.*** |
| | Wieħed minnhom, kif ra ruħu mfejjaq, reġa' lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla, inxteħet wiċċu fl-art f'riġlejn Ġesù u raddlu ħajr. |
| | Huma għajtu lil Ġesù u qalulu, "Ġesù, Mgħallem, ikollok ħniena minna!" |

**Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet wara li taqra dan li ġej.** *(2 marki)*

Karl ma tantx kien qed iħossu f'siktu dakinhar. Marija, li qiegħda ħdejh fil-klassi, xtaqet kieku tmur tilgħab ma' sħabha fil-brejk.

1. Bħala Nisrani/ja, x'kellha tagħmel Marija? *(marka)*

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Kif tħossok wara li tkun għamilt il-ġid lill-oħrajn? *(marka)*

_______________________________________________

_______________________________________________

D. L-Evanġelju jgħidilna li min isib ħabib ta' veru jkun sab teżor.
Ikteb talba lil Ġesù biex tirringrazzjah tal-ħbieb li għandek.

*(4 marki)*

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## TMIEM IL-KARTA